**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA**

**16 TA' OTTUBRU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sur Kyle Mifsud, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

--

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **5.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 5.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **5.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 5.2.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-attivita ta' San Martin ser titħassar minħabba li fl-istess ġurnata f'Ħal Safi ser ikun hemm attivita għall-familja li hi kollha bla ħlas, għalhekk iħoss li mhux ser ikun hemm parteċipazzjoni għal attivita bi ħlas.<br><br>Ġew approvati l-minuti tar-raba' seduta. |
| | | |
| ***5.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 5.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Taprezza li waqt is-seduta tal-Kunsill ma jkunx hawn użu ta' mobiles;<br>• Meta l-Kunsill ikun ser jagħmel attivita, l-aħjar li fis-seduta jkollna aktar dettalji minħabba l-ispejjeż.<br>• Il-Ħadd li ġej ser ikun hemm id-dberik tal-annimali f'Bubaqra u s-Sibt ser ikun hemm il-qtugħ taż-żebbuġ minn fejn il-Mitħna tax-Xarolla. |
| | | |
| | | |
| ***5.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 5.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li fejn il-ħwienet taċ-chicken fi Vjal il-Blue Grotto, fejn hemm żewġ parkeġġi ta' muturi, issuġġerixxa li titneħħa parti mil-konkos tas-service road u issir parkeġġ ta' muturi u fejn hemm parkeġġ ta' muturi bħalissa isir parkeġġ ta' karozza. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia faħħar l-attivita' li kellu mas-Sindku Rita Grima, f'Morphou f'Ċipru, f'Ottubru waqt id-demostrazzjoni li jkollhom kull sena.<br>Talab biex il-Kunsill jibgħat lill-pajjiżi ġemellati maż-Żurrieq biex jara jixtiequx li jitkompla il-ftehim tal-ġemellaġġ magħhom, speċjalment dak ta' Angermunde.<br>Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu grupp ta' Żrieraq f'Morphou u nuru liż-żrieraq ma min iż-Żurrieq hu ġemellat. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 5.4.2 | | Il-Kunsillier Jeremy Coleiro qal:<br>• id-dawl ta' quddiem il-knisja jinsab maqtugħ u ilu irrappurtat minn wara l-Għid il-kbir. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ilha tirrapporta lill-Enemalta. Ix-xogħol min-naħa ta' Nexos sar. |
| | | |
| 5.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li :<br>• Ix-xogħol tas-saqaf tal-Cat Café sar, imma jonqos li jinxtraw żewġ biċċiet polyfoam biex jitkompla parti oħra.<br>• Jonqos li jitwaħħal il-madum fil-kamra.<br>• Ix-xogħol il-kbir lest u hemm pjanar li jinfetaħ f'Diċembru.<br>• Ser issir entratura sabiħa mill-ħaddiema tal-PW.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Mitħna tax-Xarolla ser tagħlaq 300 sena. Issuġġeriet li ssir open day, fejn ser jiġi mistieden il-Granmastru, u issir attivita medjevali għall-okkażjoni. Ser tipprova ġġib l-Ingwardja ukoll. Kien hemm qbil li ssir attivita fl-1 ta' Diċembru. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato tkellmet fuq PA/00162/15 – biex isir żvilupp mill-Kunsill f'art fi Triq l-Imqabba. Art li hi propjeta tal-gvern. Hi ssuġġeriet li l-Kunsill jitkellem mal-Ministru kkonċernat biex il-Kunsill Lokali jitlobha biex issir Ċentru Ċiviku hekk kif kien il-ħsieb tiegħu sa mis-sena 2015. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill anke pjanti għandu fuq dik l-art. L-ispazju fejn qed jaħdmu l-ħaddiema bħalissa fl-uffiċċju tal-Kunsill, hu żgħir wisq u għalhekk kien talab stima tal-binja tal-kunsill li bħalissa qed jamministra minnha preżentament. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jekk dik l-art ta' Triq l-Imqabba hi tal-Gvern, hemm bżonn li l-Kunsill jinsisti biex il-Kunsill jamministrha hu. |
| | | |
| 5.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Hemm bżonn li jsiru l-parkeġġi fi Triq il-Qrendi<br>• Bżonn ta' mera fi Triq Bronja fejn il-Maypole |
| | | |
| 5.4.4 | | Il-Kunsillier Marylin Farrugia:<br>• Triq il-25ta' Novembru hemm bżonn li jsir id-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li persuna waħda biss aċċettat bozza mar-residenza tagħha.<br>• Bozza maqtugħa fi Triq Ħal Far |
| | | |
| 5.4.5 | | Il- Kunsillier Dino Bonnic qal:<br>• Triq Bronja saret triq traffikuża ħafna u hu ser jiċċekja ma awtorita tistax issir triq arterjali<br>• Fi Triq Santa Katarina hemm żewġ un/loading bay fi triq waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda biss hemm. Qam argument li fi Triq Filippu Farrugia hemm tnejn u intalbet oħra għal ħanut kbir li fetaħ riċentament. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-liġi dejjem konna nafu li tgħid li ma kull 6 ħwienet ikun hemm un/loading waħda u meta l-Kunsill jirċievi mingħand TM fuq xi ħaġa simili, r-risposta għandha tkun din. |
| | | |
| 5.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud:<br>• Il-Kunsill kien tkellem fuq il-monument tan-nar u għadu ma sar xejn. Is-Sindku qalet li qabel il-Kunsill irid jagħmel laqgħa mal-familjari tal-vittmi, sabiex jara l-veduti tagħhom peress li dan hu każ sensittiv.<br>• Kien hemm qbil fuq li jsir il-ħadid ta' madwar is-salib fi Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li tinħareġ tender biex isir.<br>• Staqsa fuq is-cctv li kellha tiġi installata fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet rapport lid-DPO tal-Kunsill u dan ma għamlux. Ftit tal-ġimgħat ilu tkellmet mad-DPO tar-reġjun biex jagħmlu hu.<br>• Biex isiru l-bollards li kienu tneħħew minn quddiem is-central strip ta' Triq Dun Ġużepp Zammit, għax il-vetturi qed iduru U turn. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex parti mis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto, id-direzzjoni tat-traffiku tagħha tiġi bil-kontra. Għaliex waqt li jkun hemm il-lights mixgħula, l-vetturi qed jgħaddu mis-service road u jekk din tiġi bil-kontra, ma jkollhomx dan l-aċċess. Jekk ma |

| | | |
|---|---|---|
| | | tiġix aċċettata din il-proposta, ġie ssuġġeriet li t-traffic lights jiġu inklużi fis-service road ukoll, jew li jsiru bollards viċin Triq San Pawl biex jagħlqu l-aċċess. Kien hemm qbil li jittieħed parir mingħand TM.<br>• Il-bieraħ saret laqgħa bejn is-Sindku, l-Kunsillier Marisa D'Amato, u membri tal-Green Project fl-akwata ta' Triq Tal-madonna tal-ħniena. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li picnic area żejda f'dak il-lokal għax fil-viċin hemm żewġ picnic areas oħra. Kien hemm qbil li jinġibu l-pjanti tad-dog park u tiġi diskussa fis-seduta. |
| ***5.5*** | | ***Laqgħa mal-Għaqda Residenti taż-Żurrieq*** |
| | | |
| 5.5.1 | | *Wara t-talba li l-Kunsill kellu mill-Għaqda Residenti Żrieraq, kien hemm qbil li jiġu mistiedna għal din is-seduta. Intalbet l-aġenda għal din il-laqgħa u l-bieraħ ġew riċevuti dawn il-punti u mitkellma waqt is-seduta:*<br>1. ***Min aħna*** *-*<br>*Bħala għaqda bdew jaħdmu f'Mejju 2023.*<br>*Huma grupp ta' residenti li joqgħodu ż-Żurrieq u għalkemm mhumiex miż-Żurrieq iħobbu lil dan ir-raħal għax investew fih. M'huma afflijati ma' l-ebda partit politiku u għalhekk jiġu avviċinati minn persuni ta' kull partit. Jixtiequ li jaħdmu mal-kunsill.*<br>2. ***In-Nigret PC0049*** *– Il-pożizzjoni tal-għaqda hi li ma jsirx żvilupp għaliex dik l-akwata hi buffer zone u jekk tinbena ma jkunx hemm differenza bejn in-Nigret u Bubaqra u dawn jiġu ħaġa waħda. Hi area li tidgawda minn ħafna bħala spazju miftuħ. In-nies jimxu fl-akwata biex imorru fuq l-irdumijiet bil-pass u jduru bil-klieb. Hemm art agrikola li tinħadem. Kif tgħaddi din l-applikazzjoni, toħloq triq biex jgħaddu applikazzjonijiet oħra simili. Staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel social and ecological impact assesment. Huma jippruvaw jaħdmu ma dawk li għandhom ġid għar-residenti. Il-firma għadha ma saritx fuq il-PC 0049. Issa wara r-resuffle tal-parlament – il-PA mar f'idejn ministru Għawdxi u l-għaqda ser ikollha diskussjoni miegħu ukoll.*<br>3. ***Tal-Bebbux*** *– Art viċin Triq il-Kittinija. Il-Ministru inkarigat qal li l-art ser tingħata lill-Kunsill, imma ma sar xejn bil-miktub. L-għaqda qalet li l-Kunsill għandu jinsisti biex joħodha f'idejh u din jekk tiġi f'idejh, m'għandux jiżviluppa f'bini, imma jħalliha open space.*<br>4. ***Il-Pjan Lokali taż-Żurrieq*** *– Jeżistu fondi li l-Kunsill jista juża biex il-Kunsill jissuġġerixxi reviżjoni tal-local plan. Qed jitmissu l-local plans biex isir aktar żvilupp f'artijiet li bħalissa huma vakanti. Iż-żewġ partiti politiċi huma favur tal-kostruzzjoni, għaliex il-kostruzzjoni iġġib il-flus. Il-Kunsill hu awtorita u jista jagħmel pressjoni mal-Gvern biex jiġi rivedut il-pjan lokali u forsi jista jingħaqad mar-Reġjun biex isir dan. Il-bini hu traċedja li tintiret u jekk isir reviżjoni tal-pjan lokali titwaqqaf din it-traċedja.*<br>5. ***Infrastruttura fiż-żoni tar-razzjonalizzazzjoni***<br>*Jixtiequ joffru l-għajnuna tagħhom fejn ikun hemm proġetti ta' twessieħ ta' toroq, u infrasstruttura, kemm bħala konsultazzjoni, moniteraġġ u għajnuna* |

| | | |
|---|---|---|
| | | *oħra. Kieku ma saritx il-pressjoni mil-Għaqda fuq l-art tal-Bebbux, kieku l-iżvilupp diġa inbeda.*<br><br>6. ***Esperjenzi tar-residenti***<br>*L -għaqda iffukat l-aktar fuq l-akwata tal-Bebbux u tan-Nigret. Tkellmu man-nies. L-ambjent jagħmel parti importanti għal-persuni anke għas-saħħa mentali u jeħtieġ li l-art fil-kampanja tkun aċċessibbli. Temmen ħafna fil-green therapy - kuntatt man-natura sfortunatament din qed tonqos. Jeħtieġ li jsiru community gardening f'artijiet li għadhom mhux żviluppati. Filwaqt li jkunu qed jibbenefikaw ir-residenti, l-akwata tibqa ħadra. Il-Kunsill tar-Rabat qed jgħati opportunita simili f'waħda mill-akwati tar-raħal. Irid ikun hawn viżjoni fit-tul biex it-tfal ikollhom opportunita li jaħdmu fl-agrikolkura u jgawdu postijiet ħodor.*<br><br>Il-membri filwaqt li rringrazzjaw lill-Kunsill tal-laqgħa li għamlulhom temmew jgħidu li jeħtieġ li l-Kunsill jinsisti biex l-art f'Tal Bebbux tingħata lill-Kunsill bil-miktub u jeħtieġ li l-Kunsill jembarka fuq ir-reviżjoni tal-pjan lokali. |
| | | |
| ***5.6*** | | ***RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART – IT-TIELET KWART 2024*** |
| | | |
| 5.6.1 | | Ir-rapport ġie approvat. Dok 1 mehmuż |
| | | |
| | | |
| ***5.7*** | | ***BUST GĦAD UNUR DR.MARIA SCIBERRAS*** |
| | | |
| 5.7.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet li għamlet kuntatt mas-Sur Alfred Grixti minn Aġenzija Appoġġ, minħabba l-bust tat-tabiba Sciberras. Ser jgħatina appuntament għal-laqgħa miegħu aktar tard.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk l-Aġenzija Appoġġ ma tasalx, il-Kunsill kellu xorta jagħmel il-bust minħabba li kien hemm qbil fil-Kunsill.<br><br>Is-Sindku qalet li s-Sur Grixti għandu jipproċedi bl-artist ġaladarba ser jitħallas minn Aġenzija Appoġġ. |
| | | |
| ***5.8*** | | ***PROĠETT MISRAĦ IR-REPUBBLIKA*** |
| | | |
| 5.8.1 | | Wara l-laqgħa annwali li saret ix-xahar l-ieħor, is-Sindku tkellmet mal-Perit tal-Kunsill, fejn ġie fuq is-sit u ġie nnutat li l-vetturi l-aktar li jgħaddu direzzjoni minn Misraħ Mattia Preti lejn Misraħ Repubblika. Is-Sindku tkellmet mas-soċjetajiet fejn infurmawha li darba fil-ġimgħa biss jużaw it-trakkijiet il-kbar, biex iħottu l-merkanzija. Għalhekk wara t-taħdidiet li kellha kemm mal-perit, kemm mas-soċjetajiet u kemm wara li semgħet lin-nies waqt il-laqgħa annwali, hi ssuġġeriet li d-direzzjoni tat-traffiku fi Triq P P Saydon tinbidel għal direzzjoni waħda – minn Misraħ Mattia Preti direzzjoni lejn Triq il-Kbira. Issuġġeriet li lir-residenti tal-misraħ, jingħataw 30 minuta ċans biex iħottu fil-misraħ stess u li l-bqija tal-proġett ta' Misraħ Repubblika jsir kif diskuss mal-Perit. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud f'isem l-Kunsilliera tal-PN qal li huma sa mil-bidu kienu favut tal-proġett ta' Misraħ Repubblika, imma dejjem talbu u ssuġġerew li għandu jsir referendum u għalhekk mhux ser jiddiskutu aktar il-proġett jekk ma jsirx dan.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-kunsilliera tal-PN għalkemm jaqblu mal-proposta li qed tagħmel illum is-Sindku, għaliex huma stess kieku ssuġġerew li Triq P P Saydon li ssir one way, huma xorta jridu li jsir referendum. Hu żied jgħid li meta il-kunsilliera f'isem il-PN kienu ħarġu bil-proposti, tali proposti lanqas biss kienu ġew ikkunsidrati biex jiġu mitkellma, dan kollu bi skop politiku.<br><br>Meta l-Kunsillier Marisa D'Amato staqsiet x'ser ikun fih ir-referendum li qed jissuġġerixxu, ma kienetx imwieġba.<br><br>Kien hemm qbil li Triq P P Saydon issir one way u jiżdiedu l-parkeġġ fuq in-naħa tal-każini peress li jiġu fish bone, bħal dawk ta' man-naħa tal-Kunsill Lokali.<br><br>Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fit 20:30. |
| | | |
| ***5.9*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***5.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 5.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Il-fondazzjoni Naħla Maltija qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel bye law dwar iż-żamma tal-ħaxix selvaġġ fil-passaġġi, b'hekk l-isforz li tinżamm il-flora Maltija mal-passaġġi jkollha saħħa legali. Ma kienx hemm qbil.<br>• Kull sena l-Kunsill jirreklama fuq il-kalendarju li toħroġ iz-Zurrieq FC. Ir-reklam ikun fuq il-ġranet tal-ġbir tal-iskart u jiswa 400e. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ressqet stima ta' Christmas buffet menu fil-Hotel Alexandra. Kien hemm qbil li din is-sena l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera u l-istaff issir nhar il-11 ta' Diċembru fil-Hotel Alexandra għall-prezz ta' 30 Euro. |
| | | |
| | | |
| ***5.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 5.10.1 | | Ma kienx hemm minuti tar-Reġjun Punent x'jinqraw. |
| | | |
| ***5.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 5.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok2** għall-ammont totali ta' €93,468.23 |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Jeremy Coleiro. |
| | | |
| ***5.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 5.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:55. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru, 2024, fil-6:00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' NOVEMBRU, 2024

| | |
|---|---|
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |